**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 15 – IT-TLIETA, 12 TA' JANNAR 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦAT PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħat numri 13 u 14 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li hija flimkien mas-Sinj. Muscat kellhom mal-perit Kylie Borg Marks. Il-perit infurmathom li f' Xatt il-Palm qatt ma kien hemm ftehim li jsir parkeġġ. Minkejja dan, il-bankina li saret fejn kien hemm l-uffiċċju temporanju ta' Transport Malta se titkisser biex is-sit jerġa' jinfetaħ għall-parkeġġ. Il-perit infurmathom li se jsir proġett ta' tisbieħ mad-dawra tal-ġnien.

2.2. Is-SE semma l-kwotazzjoni li l-Kumitat irċieva fir-rigward tal-qtugħ tal-ħaxix ta' Triq Xatt il-Palm. Huwa informa li, wara li kellem lill-kuntrattur, il-kuntrattur aċċetta li joffri skont billi l-prezz bla VAT isir il-prezz bil-VAT. Is-Sur Bonello qal li jekk jingħata ftit żmien ċans, jipprova jakkwista kwotazzjoni oħra għal dan l-istess xogħol. Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta.

2.3. Is-Sinj. Cuomo rrimarkat li hemm ħafna residenti li huma ddiżappuntati fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku. Ir-raġuni hija li m'hemmx trasport li jgħaddi minn Baħar iċ-Ċagħaq u jibqa' sejjer lejn il-Magħtab u n-Naxxar. Qabel kellhom ir-rotta 205, madankollu m'hemmx għaliex tidħol f'Baħar iċ-Ċagħaq. Jekk tkun tghaddi minn Triq il-Kosta, imbagħad tibqa' sejra l-Magħtab u n-Naxxar, għar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq għandha tkun biżżejjed.

2.4. Iċ-*Chairperson* infurmat li l-party tal-Milied għat-tfal li sar f'Diċembru 2015 sar b'mod tajjeb bħala organizzazzjoni iżda bħala attendenza kienet ftit. Żiedet tgħid li t-tfal li kienu preżenti ħadu pjaċir.

## 3. ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL

3.1. Is-Sur Bonello u s-Sinj. Muscat saħqu li mhux vjabbli ssir l-attività tal-karnival, għaliex konvinti, mill-esperjenza tal-passat, li mhux se jkun hemm rispons.

3.2. Kien hemm qbil unanimu li jkun aktar għaqli li ssir xi attività favur ir-riċiklaġġ tal-iskart milli fuq il-Karnival.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU

4.1. Is-SE ppreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat. Dan kien approvat. Kopja annessa f'A.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li Ġnien Santa Marija tal-Anġli qiegħed fi stat ta' abbandun. Is-SE spjega li mill-esperjenza is-sitwazzjoni mhux se tkun irraġata qatt jekk il-Kumitat se jibqa' jiddependi fuq il-Gvern Ċentrali. Jemmen li, avolja joħorġu l-offerti ġodda, spiss jispiċċaw jiskadu u l-manutenzjoni jieqaf. Esprima li, jekk għall-Kumitat din hija xi ħaġa ta' importanza kbira, allura għandu jara kif se jasal biex jikkontribwixxi, għalkemm b'mod limitat kemm jippermettu r-riżorsi, biex ikun hemm manutenzjoni bażika regolari. Għaldaqstant is-SE se jagħmel tentattiv sabiex jakkwista kopja tal-kuntratti tal-manutenzjoni tal-ġnien u tal-apparat tal-logħob mingħand l-Inġinier Zammit. Dan sabiex il-Kumitat ikun jista' jikkunsidra jekk jistax b'xi mod jikkontribwixxi fil-manutenzjoni.

5.2. Iċ-*Chairperson* talbet lis-SE jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq ir-Ridott dwar il-problema ta' ħruġ ta' skart. Dan sabiex iżommu mal-iskeda.

5.3. Il-membri lkoll kienu tal-fehma li qiegħed ikun hemm problemi minn xi sewwieqa li meta jgħaddu minn Triq it-Tunnara għal Triq ix-Xambekk, ġieli jduru fuq il-lemin, ifisser li kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Għalhekk Is-SE intalab sabiex jibgħat lil xiħadd mill-ħaddiema sabiex jevalwa s-sitwazzjoni u naraw kif nistgħu ntejbuha.

5.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016, il-borża l-griża ta' Triq ix-Xbiek baqgħet ma nġabritx. Is-SE se jieħu ħsieb jitkellem mal-kuntrattur.

5.5. Iċ-*Chairperson* talbet lis-SE sabiex jistaqsi x'kienet il-konklużżjoni wara l-laqgħa li saret bejnha, l-perit u s-Sinj. Muscat.

5.6. Is-SE intalab jikteb lil MEPA, jistaqsi x'inhu l-proporzjon mis-somma tal-UIF allokatha lin-Naxxar, għaż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dan għaliex f'dan l-aħħar żmien sar ħafna żvilupp f'Baħar iċ-Ċagħaq. Wara li jkollna l-ammont għal Baħar iċ-Ċagħaq, is-SE jkun jista' jippreżentaha lill-perit u jevalwaw il-proġetti li jistgħu jsiru.

5.7. Preżentament il-prijoritajiet tal-Kumitat huma Triq Xatt il-Palm u Ġnien Santa Marija tal-Anġli.

## 6. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

6.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 9 ta' Frar, 2016 fil-5:00pm.

6.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |